**Il-Ħamis, 8 ta' Mejju 2008**

## Dazju tas-sisa fuq birra prodotta lokalment f'Madejra *

P6_TA(2008)0188

**Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tat-8 ta' Mejju 2008 dwar il-proposta għal deċiżjoni tal-Kunsill li tawtorizza lill-Portugall japplika rata mnaqqsa ta' dazju tas-sisa fuq birra prodotta lokalment fir-reġjun awtonomu ta' Madejra (COM(2007)0772 — C6-0012/2008 — 2007/0273(CNS))**

(2009/C 271 E/12)

(Proċedura ta' konsultazzjoni)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Kunsill (COM(2007)0772),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 299(2) tat-Trattat KE, skond liema artikolu ġie kkonsultat mill-Kunsill (C6-0012/2008),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 51 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Iżvilupp Reġjonali u l-opinjoni tal-Kumitat għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali (A6-0146/2008),

1. Japprova l-proposta tal-Kummissjoni;

2. Jistieden lill-Kunsill sabiex jinfurmah jekk ikollu l-ħsieb li jitbiegħed mit-test approvat mill-Parlament;

3. Jitlob lill-Kunsill sabiex jerġa' jikkonsultah jekk ikollu l-ħsieb li jemenda l-proposta tal-Kummissjoni b'mod sostanzjali;

4. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni;

## Skemi ta' appoġġ favur il-bdiewa (għajnuna għall-qoton) *

P6_TA(2008)0191

**Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tat-8 ta' Mejju 2008 dwar il-proposta għal regolament tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1782/2003 li jistabbilixxi regoli komuni għal skemi diretti ta' appoġġ fi ħdan il-politika agrikola komuni u li jistabbilixxi ċerti skemi ta' appoġġ għall-bdiewa rigward l-iskema ta' appoġġ għall-qoton (COM(2007)0701 — C6-0447/2007 — 2007/0242(CNS))**

(2009/C 271 E/13)

(Proċedura ta' konsultazzjoni)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Kunsill (COM(2007)0701),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 37(2), it-tielet subparagrafu, tat-Trattat KE, li permezz tiegħu l-Kunsill ikkonsulta lill-Parlament (C6-0447/2007),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 51 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali (A6-0166/2008),